# L-ISTATWA TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU TAL-KNISJA ARĊIPRETALI TAL-MOSTA

**Minn Joseph Borg**

L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li hemm meqjuma ġewwa r-Rotunda tagħna hija wirt mill-isbaħ tal-knisja parrokjali l-qadima li kellna. Hija xogħol fl-injam fl-istil Barokk tas-Seklu Sbatax. La nafu min ħadimha u lanqas meta saret. Nafu żgur li fl-1612, kienet twaqqfet fil-Parroċċa tagħna, il-Konfraternita` tar-Rużarju, u dan jagħtina x' naħsbu li l-imsemmija Konfraternita` ma setgħetx damet ħafna mingħar statwa, iżda kemm ma nafux.

Minn xi manuskrtti qodma li hemm fl-Arkivju tal-Knisja, nafu fost l-oħrajn, li l-istatwa, f'Mejju ta' l-1766 kienet diġa` teżisti għax f' dik is-sena, kienet saritilha xi speċi ta' kaxxa għal quddiemha. Fl-1777 il-festa tal-Madonna tal-Ward kienet diġa` teżisiti. Nafu li fl-1721 kienet twaqqfet il-Konfraternita` tac-Cintura li naturalment bdiet tagħmel użu wkoll mill-istess statwa tal-Madonna tar-Ružarju.



Jerġa' billi l-Parroċċa tagħna hija ddedikata lit-tlugħ tal-Madonna fis-sema, u billi dan il-Misteru Marjan huwa wieħed mill-misteri tar-Rużarju, kien meqjus sewwa u f'postu li l-istatwa sservi wkoll bħala statwa titolari nhar Santa Marija. Ta' min jgħid li dan ma kienx isir fil-Mosta biss iżda wkoll f' xi parroċċi Marjani oħra li kellhom bħala titular xi wieħed mill-misteri tar-Rużarju. Statwa waħda, li kienet tintuża fil-

purċissjonijiet ta' erba' festi Marjani! Dan baqa' jsir sa' l- 1867 għax fl-1868 Salvatore Dimech, ħadem għall-Parroċċa tagħna l-ewwel statwa propja tal-Madonna Assunta.

Għall- ħabta ta' l-1920, l-istatwa kienet ġiet restawrata billi kien sarilha xi tibdil żgħir fil-maktur ta' madwar rasha u sgraffita b'induratura mill-aqwa kif għadha sal-lum. Fl-1954, il Papa Piju XII waqqaf il-festa liturġika ta' Marija Reġina fil-31 ta' Mejju. Sena wara fil-Mosta tneħħiet il-festa tal-Madonna tal-Ward u bdiet issir dik ta' Marija Reġina fl-aħħar Ħadd ta' Mejju u ġieli ġiet iffesteggjata fil-ġurnata propja wkoll. F'dik l-okkażjoni l-vara tar-Ružarju konna narawha Hi u l-Bambin bil-kuruna fuq rashom u x-xettru f'idejhom. Meta saret ir-riforma fil-kalendarju liturġiku l-festa ta' Marija Reġina bdiet tiġi ċċelebrata fl-Ottava ta' Santa Marija u għalhekk is-sehem ta' l-istatwa tar-Ružarju ma kienx baqa' postu. Ta' min jgħid ukoll li għal ħabta ta' meta l-istatwa bdiet tintuża għall-festa ta' Marija Reġina, il-Kav. Rafel Bonnici Cali` kien reġa' pittrilha wiċċha flimkien mal-Bambin li kien messu xi naqra wkoll billi naqqaslu ftit mill-ħxuna barokka ta' wiċċu.

L-istatwa tal-Madonna tar-Ružarju kienet għal missirijietna u għadha għalina statwa għażiża għax turi u tfakkar fid-devozzjoni mħeġġa lejn il-Verġni Marija li l-Mostin kellhom tul dawn l-aħħar tliet sekli li għaddew. Il-ħarsa ħelwa u rżina li hemm ħierġa mill-wiċċ devot ta' din ix-xbiha mqaddsa, donnha qed tistedinna bil-ħniena biex il-Misteri ta' Binha u Tagħha nżommuhom dejjem f' qalbna u ma ninsewhom qatt.


**Riferenzi:**

a **Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha** - E.B.Vella

b **Descrizione Storica Delle Chiese di Malta** - Achille Ferris

c Ħajr ukoll lil Dun Salv Magro li għaddieli xi tagħrif siewi li ġabar minn manuskritti li hemm fl-Arkivju.



# NICE STATIONERS

**39, Eucharistic Congress Road, Mosta.**

A wide variety of greeting cards
Daily Newspapers, Office Stationery with free Delivery,
all your school requirements with special rates for students
and spiral binding.